TALENTI

# It-Tnax-il Lejl

programm

2148

TALENTI

*tippreżenta*

# *It-Tnax-il Lejl*

kummiedja f'żewġ atti ta'
William Shakespeare

traduzzjoni
Alfred Palma

direzzjoni
Mario Micallef

**24 u 25 ta' Jannar 2004**

**fit-Teatru Manoel**




## *Kelmtejn mid-Direttur*

Bilkemm irrid nemmen li diġa għaddiet sena li ppreżentajna 'Othello', l-aħħar produzzjoni. Sena wara sena u wasalna għat-tmien produzzjoni ta' Shakespeare bil-lingwa tagħna.

Issa jidher li ndrat li qiegħdin nippreżentaw sena dramm u s-sena ta' wara kummiedja. Għalhekk, din is-sena jmiss il-kummiedja popolari **It-Tnax-il Lejl**. Kummiedja li kull meta ġiet ippreżentata dejjem ġibdet udjenza numeruża.

Din is-sena,bħal ma għamilt is-sena l-oħra, sa nieħu ħsibt ukoll id-direzzjoni. Żgur li mhux ħaġa ħafifa li taħdem waħda mill-partijiet prinċipali u tidderieġi fl-istess ħin. Is-sena l-oħra tidher li din is-sistema rnexxiet. Nisperaw li din is-sena tirnexxi wkoll. Kif għidt is-sena l-oħra, l-isfidi teatrali qatt ma bżajt minnhom.

**It-Tnax-il-Lejl**, hija kummiedja mexxejja ħafna. Kummiedja li tixbah il-kummiedja l-oħra ta' Shakespeare, *Il-Kummiedja ta' l-Iżbalji*, li kienet l-ewwel produzzjoni ta' Shakespeare bil-Malti li konna ppreżentajna.

Naturalment la hi kummiedja, importanti li l-pass irid ikun mexxej. Għalhekk, kif sa taraw, is-sett huwa sempliċi, biex l-azzjoni bejn xena u oħra timxi aktar b'ritmu mgħaġġel.

Bħal ma għamilt is-sena l-oħra, nixtieq nerġa' nirringrazzja lil sħabi l-atturi tal-koperazzjoni tagħhom f'din il-produzzjoni. Grazzi talli ħadmu u tawni dak li xtaqt minnhom. Qattajna dawn l-aħħar tmien ġimgħat flimkien. Tmien ġimgħat ta' xogħol, impenn u serjeta. Kif wara kollox jitlob xogħol bħal dan. Xi ċajta ma naqsitx ukoll.

Nittama li l-lejla toħorġu mit-teatru sodisfatti b'din il-produzzjoni. U tapprezzaw ix-xogħol li qegħdin nippreżentawlkom.

*Mario Micallef*




## *IT-TNAX-IL LEJL*

### *il-ġrajja*

Shakespeare x'aktarx kiteb din il-kummiedja sewwasew biex tiġi maħduma fit-Tnax-il Lejl, jiġifieri l-aħħar lejl tal-btajjel tal-Milied, fis-6 ta' Jannar, 1601. Jista' jkun li ġiet mtalla' quddiem ir-Reġina Elizabetta I fis-sala l-kbira tal-palazz tagħha ta' Whitehall, barra Londra. U kienet kummiedja tabilħaqq xierqa għal dawk il-jiem ta' festi, mimlija b'imħabba, daħq u divertiment, b'xi sħaba kultant tgħatti x-xemx middija.

Fil-ġrajja nsibu li Sebastian u Viola, tewmin żgħażagħ jixxiebhu perfettament, jisfgħu fuq inħawi separati tax-xatt ta' Illyria, wara li l-ġifen li kienu fuqu jitfarrak f'maltempata. Viola taħseb li ħuha kien għereq, u hekk jaħseb Sebastian dwar oħtu. Din tilbes ta' tifel, tieħu l-isem ta' Cesario, tidħol bħala paġġ ma' Orsino, Duka ta' Illyria, u ftit ftit issir tħobbu. Hu, madankollu, ikun mitluf wara Olivia, kontessa għanja u sabiħa li, vistuża għal ħuha, ma tkunx trid taf bih. Orsino jibgħat lil 'Cesario' għandha biex iġagħalha tilqa' t-talba tiegħu għaż-żwieġ; iżda Olivia ssir tħobb lis-suppost paġġ Cesario.

Waqt li jkun qed idur mal-belt, Antonio, il-kaptan tal-ġifen, u ħabib ta' Sebastian, li jkun salva mill-għarqa, jiltaqa' ma' Viola, u jaħsibha ħabibu; iżda dlonk jisfa' arrestat bħala għadu qadim ta' Orsino.

Sadanittant, Olivia tkun iltaqgħet ma' Sebastian, li taħsbu 'Cesario', titolbu jiżżewwiġha u ż-żagħżugħ jaċċetta. Meta fl-aħħar iż-żewġ aħwa jidhru flimkien, l-iżball jinkixef, jiċċara kollox, u Orsino jitlob lil Viola biex tiżżewġu.

Ftit qabel dan kollu, Sir Toby Belch, iz-ziju ta' Olivia, sieħbu Sir Andrew Aguecheek u Maria l-kamriera ta' Olivia jagħmlu ċajta goffa lil Malvolio, is-serv personali ta' Olivia u kap tal-qaddejja. Huma jibagħtulu ittra ta' mħabba, li hu jaħseb li kienet ġejja mingħand Olivia; fiha jiġġagħal jilbes u jġib ruħu b'mod stramb sabiex jogħġobha. Meta jagħmel hekk, jiġi meqjus b'miġnun, imwarrab u mwaqqa' għaż-żuffjett minn Feste, il-buffu ta' Olivia, u Fabian, wieħed mis-sefturi tagħha, li t-tnejn ikollhom il-moħmi għalih.

Iċ-ċajta lil Malvolio ukoll tiġi ċċarata lil Olivia, li fuq parir ta' Fabian taċċettaha hi ukoll bħala ċajta ħelwa. Malvolio, imgħaddab u umiljat, joħroġ mix-xena jhedded li kien ser jitħallas minn kulħadd, waqt li Orsino u Viola, flimkien ma' Sebastian u Olivia, iħarsu ferħanin 'il quddiem lejn il-ħajja tagħhom flimkien.

## It-Tnax-il Lejl

*jieħdu sehem*

Orsino, *Duka ta' Illyria* .................................................. Joe Pace
Sebastian, *ħu Viola* .................................................. Kurt Castillo
Antonio, *kaptan ta' ġifen, ħabib ta' Sebastian* .............. Joe Cortis
Valentino, *ġentlom iservi lid-Duka* .............................. Andrew Attard
Curio, *ġentlom iservi lid-Duka* .............................. Stephen Micallef
Sir Toby Belch, *ziju ta' Olivia* .............................. Mario Micallef
Sir Andrew Aguecheek .............................................. Pierre Agius
Malvolio, *kap-qaddej ta' Olivia* .............................. Michael Sciortino
Fabian, *seftur ta' Olivia* .............................................. Johathon Laferla
Feste, *il-buffu, seftur ta' Olivia* ........... Marcel Zammit Marmara
Kaptan ta' ġifen, *ħabib ta' Viola* .............................. Andy Catania
Olivia, *kontessa għanja* .............................................. Rachel Portelli
Viola, *li tħobb lil Orsino* .............................................. Shirley Blake
Maria, *kamriera ta' Olivia* .............................................. Marvic Cordina
Qaddejja, *ta' Olivia* .............................................. Therese Azzopardi
Uffiċjal 1 .............................................................. Manuel Cutajar
Uffiċjal 2 .............................................................. Louis Gatt
Qassis .............................................................. Tony Mizzi

*jieħdu sehem ukoll*

**Mario Fenech, Andre' Penza, Antoinette Caruana,**
**Jean Pier Grech, James Fenech**

*Ikun hemm intervall wieħed ta' għoxrin minuta*

### Għall-Kumpanija Talenti

*Direttur tal-Palk* .............................................. **Melanie Ruth Spiteri**
*Assistent tal-Produzzjoni* .............................................. **Charles Mangion**
*Disinn tas-Sett* .............................................. **Żep Camilleri**
*Kostumista* .............................................. **May Vassallo**
*Irtokk* .............................................. **Miriam Ellul**
*Sound* .............................................. **Alec Massa**
*Set dekorazzjoni* .............................................. **Marco Bartolo**
*Ritratti għall-Pubbliċita'* .............................................. **Mario Mintoff**
*Pubbliċita'* .............................................. **Mario Micallef**
**Alfred Palma**

### Għat Teatru Manoel

*Dwal* .............................................. **Marvic Sultana**
*Mastrudaxxa tal-Palk* .............. **Tony Mizzi, Renald Azzopardi**
*Booking* .............................................. **Michelle Mangion**
*Superviżjoni tat-Teatru* .............................................. **Charles Fero**

HAMRUN KIOSK
Tel: 21248989
HIGH STREET HAMRUN



(Prop. Freddie Cacciattolo)

Take Away Pizza etc.

*Open from 9.00 a.m. to 1.00 a.m.*

*Monday closed*

## *Kelmtejn dwar it-traduttur tax-xogħlijiet ta' Shakespeare*

## *ALFRED PALMA*

Alfred Palma twieled il-Furjana f'Settembru, 1939. Studja fl-Iskola Primarja tal-Gvern u fil-Kulleġġ De La Salle tal-Kottonera, fejn beda jikteb l-ewwel poeżiji tiegħu. Meta temm l-istudji, fl-1957, daħal fis-Servizz Ċivili, fejn dam sa l-1987. Minn dejjem kien iħoss li mingħajr verżjoni sħiħa u irrimata bil-Malti tad-'Divina Commedia' ta' Dante, fil-Letteratura Maltija kien hemm xi ħaġa nieqsa; għalhekk, fl-1966, meta kellu biss 26 sena, inxteħet b'ruħu u ġismu għat-traduzzjoni bil-Malti ta' dan il-kapolavur ta' kull żmien. Temmu fl-1986 u stampah fl-1991.

Matul dan iż-żmien huwa kompla bil-kitba tal-poeżiji, li bosta minnhom instemgħu fuq dak li qabel kien ir-Rediffusion.

Wara li stampa t-traduzzjoni tad-'Divina Commedia' ħareġ ġabra sħiħa ta' poeżiji tiegħu taħt l-isem 'Preludji' (1993); imbagħad, imweġġa' mill-fatt li traduzzjonijiet bil-Malti ta' Shakespeare kellna ftit li xejn, qatagħha li jagħtiha għax-xogħlijiet ta' dan id-drammaturgu kbir Ingliż; u fl-1994 stampa 'Romeo u Ġuljetta'. Meta ra kemm dan id-dramm intlaqa' tajjeb bil-Malti, qatagħha li jidħol għall-biċċa xogħol tassew iebsa li jittraduċi għall-Malti x-xoglijiet kollha ta' Shakespeare.

Minnhom, sal-lum, lesta 24; u magħhom kiteb żewġ novelli, bosta kotba oħra ta' natura differenti li ġew ippublikati fl-Ingilterra, u ssokta jikteb il-poeżiji li, tnejn minnhom, xi snin ilu, kisbulu għarfien internazzjonali fl-Ingilterra.

Alfred Palma ngħata l-Premju Citta' di Valletta fl-1993, ingħata wkoll il-Premju Letterarju 1996, sewwasew għat-traduzzjonijiet ta' Shakespeare u fl-2000 'Ġieħ Ħaż-Żabbar'.

Alfred Palma, li joqgħod Ħaż-Żabbar, għandu bosta passatempi, fosthom it-tpinġija, il-pjanu u l-kultivazzjoni tal-ward. Hu msieħeb fl-Għaqda Poeti Maltin u fis-Societa Chopin ta' Pariġi.




# Firm Frank Attard

*Frame Makers*
*Glass Cutters*
*Household Goods*
*Hardware*

**39B, Triq il-Kbira - 10, Triq Hompesch**
**Zabbar**
**Tel: / Fax: 21897527**

## Produzzjonijiet ippreżentati mill-kumpanija "Talenti" fit-Teatru Manoel 1988 - 2003

| *Dramm / Kummiedja* | *Direttur* | *Xahar u Sena* |
|---|---|---|
| **Il-Ġardinar u l-Fjuri** | *John Suda* | Frar, 1988 |
| **Għal Kull Tazza** | *John Suda* | Diċembru, 1989 |
| **Kemm-il Waħda Għandek?** | *John Suda* | Marzu, 1991 |
| **Dehra mill-Pont** | *Frederick Testa* | Ottubru, 1991 |
| **Kienu Kollha Uliedi** | *Salvu Mallia* | Ottubru, 1992 |
| **Boeing Boeing** | *Dominic Said* | Novembru, 1992 |
| **L-Onor. tar-Raħal u Padruni u Qaddejja** | *Lino Grech* | Ottubru, 1993 |
| **Il-Kerrejja** | *Żep Camilleri* | Frar, 1994 |
| **Il-Kompliċi u ħames xogħlijiet oħra** | *Joe Friggieri* | Jannar, 1995 |
| **Familji** | *Żep Camilleri* | Marzu, 1995 |
| **Avanti** | *Joe Izzo* | Ottubru, 1995 |
| **Hi! Għandu Jkun Qtilt lill-Mara** | *Joe Izzo* | Jannar, 1996 |
| **Il-Kummiedja ta' l-Iżbalji** | *Joe Izzo* | Jannar, 1997 |
| **Fis-Skiet u Bi Tbissima** | *Joe Izzo* | Marzu, 1997 |
| **L-Imqarba Immansata** | *Frederick Testa* | Jannar, 1998 |
| **L-Impotenti** | *Żep Camilleri* | Marzu, 1998 |
| **Romeo u Ġuljetta** | *Salvu Mallia* | Jannar, 1999 |
| **L-Imġarrab** | *Żep Camilleri* | April, 1999 |
| **Il-Merkant ta' Venezja** | *Żep Camilleri* | Jannar, 2000 |
| **Dejjaqtuni** | *Żep Camilleri* | Frar, 2000 |
| **Macbeth** | *Harry Borg* | Jannar, 2001 |
| **Iż-Żewġ Ġentlomi ta' Verona** | *Żep Camilleri* | Jannar, 2002 |
| **Is-Sur Prim, Jekk Jogħġbok?** | *Frederick Testa* | April, 2002 |
| **Othello** | *Mario Micallef* | Jannar, 2003 |
| **It-Tnax-il Lejl** | *Mario Micallef* | Jannar, 2004 |

### Xogħlijiet oħra ppreżentati flimkien mad-Dipartiment tal-Kultura

| | | |
|---|---|---|
| **L-Imnarja Żmien il-Qtil** | *Carmel S. Aquilina* | Lulju, 1995 |
| **Rewwixta** | *John Suda* | Lulju, 1999 |
| **Kull Ġieħ u Glorja** | *Frederick Testa* | Ottubru, 2000 |
| **Hekuba** | *Żep Camilleri* | Lulju, 2001 |
| **Ħajja mill-Ġdid** | *Żep Camilleri* | Lulju, 2002 |

## Drammi ta' William Shakespeare maqlubin għall-Malti minn ALFRED PALMA

| | | |
|---|---|---|
| *Romeo u Ġuljetta | *Traġedja* | 1994 |
| *Il-Merkant ta' Venezja | *Kummiedja* | 1995 |
| *L-Imqarba Immansata | *Kummiedja* | 1995 |
| Ir-Re Lear | *Traġedja* | 1995 |
| Ħolma ta' Lejl f'Nofs is-Sajf | *Kummiedja* | 1995 |
| *Il-Kummiedja ta' L-Iżbalji | *Kummiedja* | 1996 |
| It-Tempesta | *Kummiedja* | 1995 |
| *Macbeth | *Traġedja* | 1996 |
| *It-Tnax-il Lejl | *Kummiedja* | 1996 |
| Hekk Kif Jogħġbok | *Kummiedja* | 1996 |
| Hamlet | *Traġedja* | 1996 |
| Ġulju Ċesri | *Traġedja* | 1997 |

**Lesti għall-istampa mit-2000 sal-lum**

**Kollox Sew li Jintemm Sew, Ħafna Frattarija Għalxejn, *Iż-Żewġ Ġentlomi ta' Verona, *Othello, In-Nisa Ferrieħa ta' Windsor, Miżura għal Miżura, L-Imħabba: Xogħol mitluf, Il-ġrajja tax-Xitwa, Rikkardu III, Antonio u Kleopatra, Timone ta' Ateni, Il-Ġrajja tax-Xitwa**

** Dawn ix-xogħlijiet ġew imtella' mill-Kumpanija 'Talenti '*

Id-Direzzjoni tal-Kumpanija 'Talenti'

*tixtieq tirringrazzja lil*

HSBC Bank

lid-ditti kollha li rreklamaw f'dan il-programm

u lil kull min ta l-għajnuna f'din il-produzzjoni




# Celebrating 160 years of sweetness...

## ...in the heart of Valletta

*For 160 years C. Camilleri & Sons have always presented the finest chocolates, confectionary and in-house catering. This tradition, which we carry so much at heart, is your guarantee of culinary excellence for any occasion.*

*If you are looking for that truly special venue for your wedding, C. Camilleri & Sons can offer two truly picturesque venues, the Olive Gardens, Mdina and the Garden of Eden, Zurrieq, both enjoying breathtaking views.*

SINCE 1843

**C. Camilleri & Sons Ltd.**

INCORPORATING C.CAMILLERI & SONS • THE OLDEST FIRM OF ENGLISH AND FRENCH CONFECTIONERY

*49-51, Merchants Street, Valletta, VLT10. Tel: 2124 1642. E-Mail: info@camillerigroup.com*

## Picturesque Venues for the Wedding of your Dreams!



*The Olive Gardens, Mdina*



*Garden of Eden, Limits of Zurrieq*